# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 31/8

It-Tlieta 18 ta' Awwissu 2020

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88, Triq Raymond Caruana, il-Gudja fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Dr. Marija Sara Vella – Sindku
John Mary Calleja – Vici Sindku
Stefan Caruana – Kunsillier
Mark Anthony Sammut – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Maria Micallef – Kunsilliera

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Lara Mascena -  Segretarju Eżekuttiv

AĠENDA

031.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

031.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (30(08) [21/07/2020])

031.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

031.4 Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta` kull kwart (Apr – Gunju 2020)

031.5 Sejha ghall-Offerti: ***GLC-02-2020 Supply and Lay Paving Material for the Gudja Local Council***
*Approvazzjoni tal-Rapport ta` Evalwazzjoni*

031.6 Sejha ghall-Offerti: ***GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

031.7 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

031.8 Rapporti;

031.9 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
   a. Triq iż-Żebbuġa – progress
   b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina - progress
   c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress
   d. Ġnien Raymond Caruana – progress
   e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

031.10 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

031.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------------------------------------------------------

# Minuti

## Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku Dr. Marija Sara Vella ppresidiet il-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-sitta neqsin kwart ta` filgħaxija (5.45pm) wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

## 031.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku nfurmat lil dawk preżenti li l-Kusilliera M Micallef ma kinitx ser tghaddi minhabba ragunijiet ta` sahha.

031.2 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (30/8 [21/7/2020])**

Dawn il-minuti 30/8 ġew iċċirkulati qabel il-laqgħa tal-Kunsill u ġew meħuda bħala moqrija

Il-Kunsill b'vot unanimu approva dawn il-minuti nru 30/8 nem con.

**031.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

030.3.1 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti li matul il-gimghat li ghaddew kienu twahhlu diversi cctv cameras fil-lokalita u dan sabiex jitnaqqas l-abbuz li jintrama skart illegali f`certu zoni fil-lokalita. Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsilliera jibghatu l-proposti taghhom fejn jissuggeriexu li jitwahhlu aktar cctv cameras.

030.3.2 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar installazjoni ta` bins godda li saru fil-Gnien Raymond Caruana. Dr. Vella ziedet tghid li l-haddiema tal-Kunsill qaghlu xi bins li kienu mhux tajbin u ohrajn li gew mpoggija f`siti ohra.

030.3.3 Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar ix-xoghlijiet li ser jinbdew fi Triq Bir Miftuh. Is-Sindku ssuggeriet sabiex fejn huwa possibli l-parkegg isir 45 degrees u ghalhekk talbet sabiex ninfurmaw lill-perit tal-Kunsill dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

030.3.4 Is-Sindku prezentat talba li saret minghand resident li joghqod fi Triq il-Barjola, fejn talab sabiex isir road hump fit-tarf ta` triq peress li l-vetturi qed jghaddu b`certu velocita. Is-Sindku ziedet tghid li wara li l-Kunsill ghamel talba ma` TM, il-Kunsill gie mitlub sabiex qabel igib dikjarazzjoni minghand ir-residenti ta` din it-triq. Is-Sindku proponiet li ghandha tintbghat ittra lir-residenti jekk isibux ogezzjoni dwar dan. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

030.3.5 Prezentata kwotazzjoni ghad-dizinfettar tal-ufficini tal-Kunsill minhabba l-COVID. Dawk prezenti approvaw l-kwotazzjoni li tammonta ghall-€175 excl VAT.

030.3.6 Gie prezentata l-applikazzjoni dwar Premju Azjanita Attiva, fejn is-Sindku talber sabiex kull minn ghandu xi proponiment jinforma lis-Segretarju Ezekuttiv sal-ahhar ta` Awwissu.

030.3.7 Is-Sindku prezentat il-korrispondenza dwar l-European Mobility Week, fejn proponiet li l-Kunsill ghandu japplika ghal din l-inizjattiva. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

030.3.8 Gie prezentata itta ta` approvazzjoni li ntbghatet minghand TM sabiex isir double yellow line mall-faccata ta` dar numru 98 fi Triq Santa Marija.

030.3.9 Is-Sindku ghamlet referenza ghas-suggeriment li kien gie propost mill-Kunsillier S Caruana dwar il-pavimentar fiz-zona tal-Kappella tal-Loretu, fejn talbet sabiex l-Kunsill igib stima ta` xoghlijiet biex mbaghad il-Kunsill ikun jista` jiehu decizjonijiet.

030.3.10 Prezentata korrispondenza li nbtghatet mir-Regjun Nofsinhar dwar skema ta` ghajnuna ghal CCTV cameras jew taghmir relatat mas-sistema. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu japplika ghal dawn il-fondi. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

030.3.11 Is-Sindku prezentat korrispondenza li ntbghatet minghand resident dwar l-indafa u cnut li hemm bzonn jitrangaw fil-Housing Estate tal-Mithna. Is-Sindku talbet sabiex minn naha tal-haddiema tal-Kunsill isir ix-xoghol mehtieg fi cnut u jitwahhlu tabelli neccessarji.

030.3.12 Giet prezentata korrispondenza li ntbghatet minghand resident mill-Housing Estate tal-Mithna, fejn saret talba biex il-Kunsill jghin billi jipprovdi pots biex jitpoggew fl-ispazji fejn hemm vojta. Dwar dan is-Sindku qalet li l-Kunsill jista` jghin f`dan ir-rigward u li jisghtu jintuzaw il-fondi tal-Urban Greening 2020. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

030.3.13 Is-Sindku ghamlet referenza ghax-xoghlijiet li kienu saru fi Triq B`Bugia, fejn il-Kunsill sa` llum ghadu ma hallastx lill-perit ikkoncernat. Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel li l-ghandna ninfurmawhom li wara li din giet diskussa waqt laqgha tal-Kunsill, l-Kunsill jixtieq li tinsab soluzzjoni minghajr ebda spiza ghall-Kunsill biex b`hekk din it-triq ma tibghqax teghreq kull meta taghmel ix-xita u wara jsir il-hlas dovut.

031.4 **Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju ta` kull kwart (April – Gunju 2020)**

Is-Sindku prezentat ir-Rapport Finanzjarju ghat-tieni kwart tas-sena (April-Gunju 2020). Ir-rapport gie approvat unanimament.

031.5 **Sejha ghall-Offerti:** ***GLC-02-2020 Supply and Lay Paving Material for the Gudja Local Council Approvazzjoni tal-Rapport ta` Evalwazzjoni***

Is-Sindku prezentat ir-Rapport ta` Evalwazzjoni li sar fuq is-Sejha ghall-Offerti ta` Xiri u Tqeghid ta` Pavimentar. Is-Sindku kompliet tghid wara li l-Bord evalwa is-sejhiet kollha li kien hemm, propona li sejha l-aktar wahda vantagjuza kienet tal-kumpanija LBV Ltd. Is-Sindku proponiet li l-Kunsill ghandu jimxu skond ir-rakkomandazzjoni tal-bord. Dwar dan kien hemm qbil unanimu.

031.6 **Sejha ghall-Offerti: *GLC-01/2020 Service Tender for the Collection of Household Waste from the Locality of Gudja using Low Emission Service Vehicle***

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar appell li l-Kunsill kien ircieva minghand is-Sur Jonathan Zammit. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill kien bghat id-dokumenti kollha mitluba minn naha tal-PCRB u li issa qed jistenna data u l-hin ta` meta ser tkun is-seduta.

**Temi oħra tal-Kunsill Lokali;**

031.7

a. Triq iż-Żebbuġa – progress

b. Triq J. Pace, Triq id-Dejqa u Triq Sta Katarina – progress

c. Miżura 4.3 – Triq tal-Lampat, Triq Victor Pasmore u l-area Ta' Loreto - progress

Is-Sindku talbet sabiex il-Kunsill japprova Change Request biex jigi estiz iz-zmien, sa` Dicembru 2020 sakemm jitlestew ix-xoghlijiet. Dwar dan kien hemm qbil minn dawk prezenti.

d. Ġnien Raymond Caruana – progress

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha li ser isir mall-PA dwar il-progett tal-Gnien u l-binja tal-Kunsill. Din il-laqgha ser isir fl-1 ta` Settembru u talbet sabiex il-Kunsilliera jattendu.

e. Ġnien Ġlormu Cassar – progress

Is-Sindku nfurmat lil dawk prezenti dwar laqgha li kienet saret mall-Ministeru ta` Turizmu fuq ix-xoghlijiet li qed isiru fi Gnien Glormu Cassar. Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill gie mitlub sabiex jaghmel meter ta` dawl fuq ismu. Dr. Vella qalet li l-Kunsill mhux lest li jiehu dawn l-ispejjez fuqu u ghalhekk ma thossx li l-Kunsill ghandu jaccetta. Dwar dan dawk prezenti qabblu ma` dak li proponiet is-Sindku.

**Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

031.8

031.8.1 Il-Kunsillier S Caruana talab sabiex isir tisqija fi Gnien il-Qari ghax dan ilu ma jsir.

031.8.2 Il-Kunsillier S Caruana propona sabiex it-tabella Merhba li hemm nstallata fejn il-Housing Estate flok l-kelma Merhba sir Mithna Housing Estate u dik ta` Triq Raymond Caruana, minflok Merhba sir Centru Storiku.

19:30hr Il-Kunsillier S Caruana talba biex jigi skuzat mill-laqgha.

031.9 **Rapporti**

Ma kienx hemm.

031.10 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti**

Il-lista ta’ pagamenti nru 16/8 kif ippreżentata ġiet ipproponuta mill-Vici Sindku JM Calleja u ssekondata mill-Kunsillier MA Sammut għall-ammont totali ta’ €27,554.43 u ġiet approvata nem con.

031.11

**Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-Laqgha ntemmet fit-tmienja ta` filghaxija. Is-Sindku aġġornat l-laqgħa għal nhar it-Tlieta 15 ta` Settembru 2020 fil-5.30pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum Tlieta 15 ta` Settembru 2020

| | |
|---|---|
| ffirmati | ffirmati |
| Dr. Marija Sara Vella | Lara Mascena |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |